TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/53/21/S

Francesca Psaila

vs

E' Casa Ltd.

Illum 21 ta' Novembru, 2024.

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Francesca Psaila ppreżentata fl-24 ta' Marzu, 2021, u r-risposta tas-soċjetà E' Casa Ltd. ippreżentata fit-13 ta' Settembru, 2021;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2022;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq *Candy Electric Oven Watch and Touch* mixtri mingħand is-soċjeta' ntimata u li skont ir-rikorrenti kien difettuż;

Illi l-partijiet ma jaqblux fuq meta sar l-ewwel ilment dwar l-allegat difett u ċioe' li ma setax jingħalaq sew minħabba illi s-soċjeta' intimata qed tikkontendi li t-talba tar-rikorrenti hija perenta;

Illi min-naħa l-oħra r-rikorrenti ssostni illi dan il-forn ġie konsenjat mis-soċjeta' intimata f'Mejju 2019, filwaqt illi madwar Novembru 2020, ir-rikorrenti allegat li bdiet tara li l-bieba tal-forn ma kinitx qed tingħalaq sew u għalhekk tali talba kienet fil-perjodu tal-garanzija legali;

Illi min-naħa l-oħra s-soċjeta' ntimata tikkontendi permezz ta' Liliana Borg li tkopri l-kariga ta' Direttur tas-soċjeta' ntimata, illi l-ilment daparti tar-rikorrenti sar wara l-perjodu ta' sentejn tal-garanzija u li skont il-manifattur, dak li din il-kumpanija issemmi bħala ħsara, sar daparti tar-rikorrenti meta poġġew xi ħaġa tqila fuq il-forn jew addirittura xi ħadd poġġa

fuqu u għalhekk skond is-soċjeta' li mmanifatturat dan il-forn, l-istess forn ma kienx bl-ebda mod difettuż;

Illi għalhekk is-soċjeta' ntimata tikkontendi li din il-ħsara anke jekk wieħed għall-mument ipoġġi fil-ġenb il-mod ta' kif saret, mhijiex koperta mill-garanzija;

Illi t-Tribunal iħoss illi t-talba tar-rikorrenti għas-somma ta' €2,700 (elfejn u seba' mitt ewro), hija waħda esaġerata anke tenut kont illi l-forn in kwistjoni jiswa', minn kif ħareġ mill-provi, ċirka €400 (erba' mitt ewro);

Illi min-naħa l-oħra t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-*hinges* li inkissru għandhom jinbidlu min-naħa tas-soċjeta' ntimata minħabba illi dak li allegat l-istess soċjeta' intimata ma ġiex bl-ebda mod korraborat b'xi tip ta' prova u għalkemm għaddew diversi xhur minn meta ġie konsenjat il-forn, it-Tribunal iħoss illi dawn il-*hinges* għandhom jitbiddlu għax jaqgħu fil-perjodu tal-garanzija legali u fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma nġabet ebda prova daparti tas-soċjeta' ntimata in sostenn tas-suppożizzjonijiet li huma ressqu.

<u>Decide</u>

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' limitatament it-talba ta' Francesca Psaila, filwaqt illi Jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' ntimata u Jordna lis-soċjeta' E' Casa Ltd tibdel il-*hinges* u dan kollu a spejjeż tal-istess soċjeta' ntimata.

Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru